MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 335/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Agius)**
**Vs**
**Dunstin Sims**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 247387(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

(a) Fit-3 ta' Frar, 2010 ghal habta ta' 20:00hrs bhala impjegat mal-kumpanija Lidl (Malta), ikkometta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal €2860 mill-LIDL Supermarket ta' Santa Venera li l-ammont taghhom huwa ta' l-fuq minn €232.94 ghad-dannu tal-Kumpanija LIDL Malta Ltd liema serq huwa aggravat bl-ammont u bil-

persuna bi ksur tal-artikoli 267, 268, 279 (b), u 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara ħwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxiehom, bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ċ) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat (artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

(d) Akkuzat ukoll talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D fl-14 ta' Novembru, 2006 liema sentenza giet definittiva u li ma tistax tinbidel (artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 50, 261(c)(d), 267, 268 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tar-raba` imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kapitolu 446 ordnat lill-appellant biex fi zmien sitt xhur iħallas lis-socjeta` Lidl Malta Limited is-somma ta' elfejn, tmiien mija u sittin Euro (€2860).

Il-Qorti sjegat lill-appellant fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Lulju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn astjeniet milli

tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u lliberatu mit-tielet imputazzjoni, tirrevokha dwar id-dikjarazzjoni ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe` dik tas-serq kif ukoll ta' recidiva u minflok tiddikjarah mhux hati tar-reati kollha migjuba kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellant esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :

Illi l-Ewwel Qorti qalet illi fuq il-fatti l-partijiet kienu sostanzjalment jaqblu. Pero` kif jista` jigi muri l-appellant ma jaqbilx mal-fatti kollha illi qalet il-Qorti specjalment dak illi hemm fit-tieni paragrafu tal-pagna erbgħa tal-istess sentenza li jibda bil-kliem *"illi pero` gara li l-appellant minflok ma stenna lil Sciberras tiffirma r-registru ….."* Dan huwa żbaljat.

Żbaljat fattwalment ghaliex qatt ma kienet il-procedura illi biex huwa jista` jwaddab il-flus ġos-safe, min ikun tahomlu jkun preżenti u qed jarah jagħmel din l-operazzjoni. Huwa maghruf illi Dunstin Sims iffirma fuq il-ktieb li kien irceviehom u għalhekk minn dak il-mument, dak il-pakkett partikolari dahal responsabbli ghalih hu u kienet ir-responsabbilita` tieghu illi jitfgħu mingħajr ma jkollu s-sorveljanza ta' Sciberras illi kienet haslet idejha ladarba iffirmalha li rcevieh minn ghandha. Din il-procedura illi bniedem jikkonsenja lil iehor u jiffirmalu li rċevieh, tnehhi r-responsabbilta` tal-ewwel u tgħaddi fuq it-tieni wieħed.

F'dan il-każ partikolari tant ma kinitx il-proċedura illi jirrizulta illi Dunstin Sims dahal responsabbli fl-istess gurnata ghal pakkett iehor li haddiehor ma kienx iffirma u Sciberras iffirmat li qed tghaddih hija u Dunstin Sims iffirma li rcevieh. Dan kien ta' impjegata ohra. Dan il-pakkett instab.

Din hija cirkostanza indizjarja rilevanti hafna favur l-appellant.

Illi hija ghalhekk zbaljata l-Ewwel Qorti illi fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar jinghad illi l-fatti kif esposti mhux kontestati mill-appellant. Fil-fatt huwa jikkontestahom.

Dan fil-parti importanti illi qisu naqas illi jistenna lil Sciberras bhala xhieda tieghu li kien qed jitfaghhom.

Fil-paragrafu ta' qabel l-Ewwel Qorti tghid illi l-imputat appellanti kien is-supervisor on duty meta Anne Sciberras ma kinitx hi li kienet se twaddab il-flus fis-safe u s-supervisor jarha u jiffirmalha li waddbithom. Is-sitwazzjoni kienet bil-maqlub. Illi hija kkonsenjathom lilu, dahal responsabbli ghalihom u minn dak il-mument anke ċivilment kien responsabbli għall-istess.

L-Ewwel Qorti qalet illi meta l-imputat gie kkonfrontat bin-nuqqas tal-borza li ffirma ghaliha, ma kienx f'posizzjoni li jaghti spjegazzjoni.

Il-Qorti kkonkludiet u dana erronjament illi ma tistax taghti affidabbilita lill-imputat f'din l-asserzjoni tieghu illi hu ma kienx hu li ha dik il-money bag.

Hemm bahar x'jaqsam bejn wiehed ma jistax jgħid li kellu oġġett f'idejh li dahal responsabbli ghalih u ma nstabx, u, ghaliex iffirma ghalih, ifisser illi jkun hadu u serqu.

Hemm bahar x'jaqsam bejn ir-responsabbilita` civili ghall-pakkett tal-flus u r-responsabbilita` penali li hadhom dolozament.

F'din l-asserzjoni hija serja legalment ghaliex biex tisposta l-prenunzjoni tal-innocenza u tissostitwiha b'wahda ta' prezunzjoni ta' htija. Ir-ragunament tal-Qorti huwa illi ladarba l-borza kienet ghandu u ma jistax jispjega precizament x'gara minnha, allura r-responsabbilita` tieghu tkun ta' serq u jfisser li hadha hu u jrid jipprova l-kuntrarju.

Il-Qorti ma qalitx li ghandu responsabbilita` civili imma responsabbilita` penali. Nuqqas ta' spjegazzjoni huwa

dolus? Peress li z-zmien tal-inkwizizzjoni ghadda u flokha dahlet is-sistema akkuzatorja, l-Ewwel Qorti kellha tghid liema prova kien hemm da parti tal-prosekuzzjoni li turi d-dolus.

Kemm ikun hawn nies illi jkollhom oggett f'idejhom, b'diżattenzjoni jitilquh x'imkien imma mhux ghax ikunu haduh huma.

Fil-kamra ma kienx huwa wahdu, kien hemm persuna ohra. Ma giex eskluz illi dik l-istess persuna osservat in-nuqqas ta' attenzjoni tieghu u approprjat ruhha hi lura minn dak il-pakkett.

Pero` din l-asserzjoni tal-Qorti illi ggib illi imputat irid jipprova l-innoċenza tiegħu tmur sahansitra kontra l-kostituzzjoni ghaliex l-ispostament tal-piz tal-prova irid ikun stabbilit skont il-kostituzzjoni taghna b'ligi specifika li m'hijiex il-kaz.

L-esponenti qatt ma cahad illi l-pakketti kienu f'idejh u l-impressjoni qawwija li ghandu illi waddahom it-tnejn. Pero` dawn iz-zewg pakketti ma kinux it-tnejn ta' Anne Sciberras, wiehed kien ta' nies ohra li ma kinux preżenti. Allura kif il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi kien hemm procedura fejn Anne Sciberras kellu jaghtiha cans biex tara x'inhu jaghmel ?

Inoltre l-istess Qorti tghid *"Ghalhekk m'hemm hadd li jista` jikkonferma dak li ghamel l-imputat"* . Bl-istess ragunament allura xi prova hemm illi wiehed jghid illi l-appellanti ma waddabx il-flus ghal gos-safe illi kellu qisu zurzieqa illi l-ewwel tinfetah naha u mbaghad meta taqlibha twaddab li jkun hemm in-naha l-ohra. Jekk ma tehilx !

Kieku l-esponenti kellu hsieb doluz, kien jiehu l-pakkett ta' min ma kienx preżenti u mhux ta' Anne Sciberras. Ghax kif jigi spjegat li l-pakkett l-iehor instab ?

Meta l-Qorti marret taghmel access wiehed mix-xhieda importanti kien Glenn Attard. Dan kien supervisor u qal

car u tond illi mhux darba jew tnejn dan il-mekkanizmu tax-shutter kien jehel u wiehed irid iwaddab, jimbotta l-pakkett b'idejh. Għaliex kien jehel? Għax il-pakkett kien jeħel.

Huwa eskluz illi xi hadd intebah illi l-pakkett kien wehel meta Dunstin Sims ma kienx hemm? Irid jigi sottolinejat illi fil-mument illi kienu qed jaghmlu din l-operazzjoni kien lejn tmiem ix-shift u allura kien hemm certu ghagla. L-Ewwel Qorti dehrilha illi fil-pakketti kienu jitqieghdu bizzejjed flus biex jista` jaqa`. Mela dak li qal Glenn Attard ma jezistix illi gieli l-pakketti kienu jehlu u ma kinitx tkun haga illi ssir darba kultan imma kienet tigri spiss?

L-asserzjoni li qalet l-Ewwel Qorti illi l-money bag in kwistjoni ma kinitx taccedi l-limitu pre-stabbilit u ghalhekk il-possibbilta li tehel fil-bokka u ma tibqax niezla hija remota ghall-ahhar, m'hijiex hlief ipotesi tal-Qorti u m'hijiex ebda mod prova.
L-esponenti jixtieq jissottolineja illi a tempo vergine huwa cahad ghalkemm kien iffirma. Seta` facilment kif jirrizulta, jekk ried jiehu xi flus, kien hemm flus ohra illi ma kienux jitwaddbu gos-safe imma kienu jkunu qeghdin fil-vicin bhala petty cash. Dan il-petty cash ma kinux ftit ċenteżmi illi kemm taghti l-bqija imma kien ikun hemm xi hamest elef ewro. Dana kienu jinzammu ghaliex il-kaxxiera kienu jigu short mill-flus u allura kien ikun importanti illi jkollhom flow biżżejjed.

Tibqa` tigi ripetuta l-mistoqsija kieku verament l-esponenti ried jisraq (biex niehdu l-ipotesi tal-Qorti ghalissa) kien ikun daqshekk iblah illi se jisraq pakkett illi ffirma ghalih? Ghaliex il-pakkett l-iehor, illi lanqas kien ta' Anne Sciberras instab, u dan ma nstabx? Xi prova univoka hemm illi persuni ohra illi marru biex jifthu wara, fil-mument tal-ftuh ma pprelevawx huma dak l-oggett? Hemm xi prova univoka li s-shutter tas-safe dejjem jahdem u jahdem perfett?

Meta jigu tas-security biex jigbru l-flus huwa ma kienx ikun prezenti biex juri li qed jaghti l-konsenja tagħhom.

Hawn qeghdin fil-kamp kriminali, u l-prova trid tkun certa, u mhux fuq bazi ta’ probabilita`. Is-suspett ma jistax ikun ekwivalenti ghall-prova certa.

L-appellant għamel ukoll sottomissjonijiet dwar il-prova indizjarja u qal li din għandha tkun waħda univoka. Il-Qorti anqset li ssemmi ċ-ċirkostanzi indizjarji li fuqhom qed tagħmel il-konvinċiment morali tagħha. Il-prova indizjarja hija indipendenti mill-istess imputat u ċ-ċirkostanzi indizjarji jridu jkunu konkoradanti.

L-appellant issottometta wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta qalet li
‘ladarba l-imputat kien responsabbli mill-ġeneralita’ tal-oġġetti li kienu jinstabu fil-post tax-xogħol tiegħu u ma kienx speċifikatament mogħti mis-superjuri tiegħu l-konsenja tal-flus nieqsa, l-imputat għandu jinstab ħati ta’ serq u mhux t’a approprijazzjoni indebita.’

Skont l-appellant hawn m’aħniex nitkellmu dwar il-ġeneralita’ imma fuq l-ispeċifiku. Kien il-hemm il-konsenja tal-oġġett speċifiku u mhux oġġett ġenerali li kien isntab fil-post. Għalhekk ma setax ikun hemm is-serq iżda l-approprijazzjoni indebita. Hawn l-appellant irrefera għas-sentenza ‘Il-Pulizija versus Bamber’ tat-8 ta’ Ġunju 2001 fejn salesman kien jiġbor il-flus mal-konsenja tal-merkanzija u ma jgħaddix l-ammont lis-sid. Huwa nstab ħati ta’ approprijazzjoni indebita.

Dwar ir-reċidiva, u bla preġudizzju għall-premess l-esponenti jissottometti illi ladarba l-Qorti applikat il-piena manifestament tal-kontravenzjonijiet, kienet qed tikkonsidra r-reat bħala kontravenzjoni u ma jaqax taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9

Kif diga` ingħad l-Ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata dwar il-figura li kien hemm fil-pakkett. Din kienet ta’ Ewro 2680 u mhux ta’ Ewro 2860 kif qalet il-Qorti.

Ikkonsidrat

Li hija prassi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax il-konklużjoni li tkun għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din kienet waħda li setgħet tasal għaliha legalment u raġjonevolment.

Iżda ġaladarba l-appellant issottmetta li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi, il-Qorti reġgħet rat il-provi mill-ġdid.

L-ewwelnett l-appellant twieled fl-1 ta' Ġunju 1987 u għalhekk meta seħħ l-allegat reat huwa kellu tnejn u għoxrin sena. Skont il-fedina penali tiegħu, huwa kien wettaq serq ta' portmoni fit-18 ta' Ġunju 2006 meta kien għad għandu 19-il sena.

Fl-istqarrija tiegħu magħmula fis-6 ta' Frar 2010, jew tlitt ijiem wara li seħħ l-allegat reat, huwa kien qal li l-cash kien għalaq għall-ħabta tat-8.00pm u t-8.30pm. Jekk ikun hemm aktar minn elf Ewro, dawn ikun depożitata ġo safe bag. Huwa kien tefa' l-borża li nstabet nieqsa iżda ma jafx jekk kinitix niżlet jew le. Huwa qal ukoll li ma jaħsibx li kienet waħlet xi borża minn dawk li kien iddepożita qabel għalkemm ġieli jkun hemm waħda li teħel. Lilu stess ġieli waħlet xi bag iżda dejjem induna għax dejjem ikollu xi safe bag ieħor x'jitfa' jew inkella mill-ħoss. Huwa kien sarraf €70 li wieħed tal-pastizzi għaliex dan kellu bżonn ż-żgħar waqt li l-kaxxiera kellhom żgħar kemm iridu.

A fol 16 hemm kopja tas-sentenza mogħtija kontra l-imputat u persuna oħra dwar imputazzjoni ta' serq sempliċi. (fol 16).

PC 1243 George Polidano ikkonferma li daħal rapport minn għand Romina Zammit, Manager tal-Lidl li l-azjenda kienu sabu pouch nieqes li supppost kien fih 2860 Euro. (Ara Dok JPZ a fol 21)

Xehdet ukoll Romina Zammit Fava (fol 25). Hija qalet li malli daħlet l-uffiċju fil-5 ta' Frar 2010, ċerta Jasmin Bonello – supervisor fis-supermaket ta' Santa Venera – qaltilha li kien hemm problema. Suppost li kien hemm tmintax-il money bag fis-safe iżda sabu 17. Dan saru

jafuh Jasmine Bonello u tas-Security Services meta nfetaħ is-safe fil-preżenza tagħhom it-tnejn. Ix-xhud iċċekkjat il-money bags hija wkoll u sabet li kien hemm waħda nieqsa.

Skont din ix-xhud ix-xogħol ta' supervisor huwa li jara li kollox kien miexi sew u hemm ċerti supervisors li jieħdu ħsieb tal-csh ukoll. Dawn ikun wkoll responsabbli mis-safe. Is-safe li jkun fih il-money bags ma jistax jintmiss. Biex jinfetaħ is-safe iridu jintużaw żewġ ċwievet. Fil-money bags jitpoġġew flus karti biss. Il-flus li jitpoġġew fil-money bags jiġu rekordjati fil-computer. Iċ-ċavetta tas-safe il-kbir tkun għand is-supervisor. Hemm ċavetta waħda u allura s-supervisor jrid jgħaddiha 'l ta' warajh. Il-verifiki kollha jsiru billi meta jinfetaħ is-safe jaraw dan id-dokument illi fih ikun hemm in-numru tal-bag, l-ammont ta' flus li jkun hemm f'kull basket, id-data meta jiddaħħal fis-safe, il-firma tas-supervisor u tal-kaxxier. (Ara d-dok RZ1 a fol 31). Il-firem fl-aħħar tal-kolonna huma l-firem tal-kaxxiera. Il-firem l-oħrajn huma ftit ta' Jasmine u l-bqija huma tal-appellant. Dawn juru li Jasmine kienet fix-shift ta' filgħodu waqt li l-appellant kien fix-xhift ta' fil-għaxija.

Il-firma tal-kaxxiera għall-entrata li tirreferi għas-safety bag nieqsa hija ta' Anne Sciberras. Din iffirmat anke l-entrati ta' qabilha jiġifieri s-safety bag li tirriżulta fil-ħames entrata. Ġara li kien hemm ammont ta' flus għand kull kaxxiera li ma kienx jammonta għal elf euro u ġabruhom flimkien beix ikun iffurmat money bag wieħed. Dan l-ammont jidher fis-sitt (6) entrata. Ixx-hud għarfet ukoll il-firem fuq il-print out mill-computer bħala duik ta' Dustin Sims, is-supervisor, u Anne Sciberras, il-kaxxiera. Ix-xhud ivverifikat x'kien fis-safe u sabet li kien vojt. Il-kxaxen tla-uffiċju kienu vojta wkoll. Meta staqsew lil Dunstin Sims x'kien sar mill-bag ma kienx jaf jirrispondi. Tracy Agius qalet li ma ratx lil Dunstin Sims jitfa' s-safety bags fis-safe. Min-naħa l-oħra Anne Sciberras qal li rat lil Dunstin Sims jitfa' xi ħaġa pero' ma tafx hux basket wieħed jew tnejn. Is-Supervisor għandu ċ-ċavetta tas-safe u għalhekk il-proċedura riedet issir minnu fil-preżenza tal-kaxxiera biex ikun ivverifikat li filfatt il-baskett twaddab fis-safe. Fid-29 ta' Jannar 2010 Dunstin Sims kien ingħata

warning minħabba li kellu flus nieqsa (Euro 240) mis-safe. (fol 29 u 5). (Ara Dok RZ 1 a fol 1 – Riepilogo Versamenti). (Ara wkoll dok RZ2 li juri li kien hemm 43 karti tal-10 Euros, 80 tal-għoxrin Euro u 13 tal-ħamsin Euro.

Fis-17 ta' Novembru 2010, (paġina 126) ix-xhud ittellgħet in kontro-eżami. Hija kkonfermat li hemm safe wieħed b'ieħor inkorporat ġo fih. Meta kaxxiera tleħħaq €2500 titlob li dak l-ammont jiddaħħal fis-safe. Ikkonfermat ukoll li dik il-parti tas-safe tal-kexxun fejn jintefgħu s-afety bags, hemm żewġ ċwievet, waħda jżommuha l-Lidl u l-oħra jżommuha s-Security. Qalet ukoll li s-afety bags iridu jintefgħu waħda, waħda.

Xehdet ukoll Stephania Agius li qalet li l-kexxun bil-coins joħorġu s-supervisor waqt li hija tgħoddu. Meta tat il-kexxun lura lis-supervisor hija ratu jagħmlu fis-safe. Filgħodu l-kexxun kien magħluq normali. (ara wkoll fol 73 u 74).

Xehed Darren Borg, il-bejjiegħ tal-pastizzi li għandu l-ħanut faċċata tal-Lidl. Ix-xhud kien sarraf il-flus ( bejn ħamisn u sittin Ewro) għand il-Lidl minħabba li kellu bżonn iż-żgħar. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li t-tisrif sar fil-Lidl u kien għaddu l-flus tiegħu lil-Lidl fuq il-post stess. (fol 50 u 51).

Xehdet Anne Sciberras (fol 5 et ) li qalet li jgħoddu l-flus li jkun hemm fil-kexxun fil-preżenza tas-supervisor. Huma jiffirmaw kollox fuq is-safebag. Fuq il-karta jkun hemm irreġsitrat in-numru tas-sales. U kompliet hekk:

'Pros: Issa l-proċedura int għamiltha kollha?
Xhud: Le għax ma tanix ċans.
Pros. Spjega lill-Qorti x'ġara u x'ma ġarax.
Xhud: Għax il-biċċa xogħol hi li suppost ituk ċans titfa', tarhom jitfgħu l-bag ġos-safe. Issa lili ma tanix ċans nara s-afe nieżel għax għaġġel,; sakemm qed niffirma laħaq mar tefgħu ġos-safe. Ma tanix ċans nara niżilx jew le.' (Ara wkoll il-kontro-eżami a fol 61).

Qalet ukoll li tal-pastizzi kien mar isaqsi għal Dunstin Sims. Reġgħet qalet li ma tafx Dunstin Sims x'għamel bil-money bag. Hi kienet iffirmat mhux biss għal tagħha iżda wkoll għal ta' ħadd ieħor. Is-soltu bħala proċedura kien jagħtiha ċ-ċans tarah u hi tilħaq tmur ħdejn is-afe u juriha li tefħu u niżel. (fol 57). Biex tisma' l-bag nieżel trid tkun ħdejn is-safe. Hija ffirmat għal fejn jidhru n-numri 4508108 u 2680 (fol 59).

Fl-10 ta' Jannar 2011, xehdet in kontro eżami l-istess Anne Sciberras fejn qalet hekk:

*'Qed niġi mistoqsija nistax naħlef bil-ġurament tiegħi illi Dunstin ma waddabhiex il-borża; ngħid illi le ma nistax naħlef għaliex ma rajtux, ma tanix ċans narah għaleix dak il-ħin jein kont qed niffirma l-karta tas-safe. Qed niġi mistoqsija rajutx wara b'xi borża f'idejh ngħid li le. ' (fol 132).*

Fir-ri-eżami hija qalet li hija ma setgħetx tara lil Dunstin Simx għal xi sitt sekondi. (fol 132). Hija ma ratux idaħħal safety bags fis-safe iżda dak il-ħin kien ħdejn is-safe.

A fol 135 xehed l-appellant li qal li huwa kien jaħdem bħala supervisor il-Lidl u kellu diversi duties. Kien jieħu ħsieb l-istores, jagħlaq il-flus, naqra minn kollox. Kien imexxi l-operazzjoni tal-ħanut meta ma jkunx hemm ta' fuqu. Fit-3 ta' Frar 2010 kien hemm ħafna xogħol minħabba li l-għada kien ser ikun hem mil-promotionals. L-għada nstabet borża nieqsa u bagħtu għalih. Dwar il-bag qal; 'Jien deherli li ddepożitajtha, tfajtha ġos-safe.' Imbagħad intqal hekk:

'Deherlek jew waddabtha ġos-safe?
Jien għalija waddabtha .' (fol 136)

Meta kellmuh, huwa tfixkel u rriżenja. Imbagħad ċemplilhom xi sagħtejn wara u qalilhom biex ifittxu bil-pulizija għax hu ma kienx ħa boroż. Huwa qal li l-proċedura tista' ddum xi ħames minuti iżda biex titfa' l-borża tieħu bixx ftit sekondi. (fol 137). Dwar tal-pastizzi l-

appellant qal l waqt il-breake ta' nofs in-nhar dan kien qal lill-appelalnt li kien nieqes miż-żgħar. Dan mar il-ħanut meta kienu ser jagħlqu u kien tah b'xi 70 Euro noti u hu tah iż-żgħar.

Fil-kontro-eżami huwa qal li din kienet l-aħħar safety bag u ma iċċekkjax jekk niżlet jew le. Huwa qal li kollox isir bil-għaġla għax min irid imur id-dar u min irid iħaffef.

Xhud oħra kienet Jasmine Bonello. Din qalet li bħala Supervisor ix-xogħol tagħha hu li tagħlaq il-kaxxiera, tgħodd is-safe u li tagħmel li dak kollu li hemm bżonn tagħmel fil-ħanut. (fol 64). Kienet marret għaċ-ċwievet filgħaxija. Tahomlha Dunstan li ħareġ barra mill-ħanut u li kien diġa' tefa' l-money bags. Meta ġew is-security service u bidet ittihom is-safe bags u ndunat li kien hemm wieħed nieqes. Fil-parti fejn ikun is-safe bags, hi tpoġġi biss tista' u mhux tieħu. Meta ratu hi, il-kexxun tal-money bags kien magħluq. Filgħaxija hija tefħet is-safe bags fil-kexxun. Imbagħad reġgħet tat iċ-ċwievet lil Dunstin. Il-firem taħgha a fol 31 jidhru min-numru 8 sal-11. Mingħajr iċ-ċavetta l-oħra ma tkunx tista' tiftaħ. **Hija kienet il-persuna li fetħet is-safe flimkien mas-security services.**

Xehed Ivan Camilleri li ppreżenta Memorandum and Articles tal-Lidl Supermarket. (fol 79).

A fol 100 xehdet Tracey Agius, sales assistant mal-Lidl. Hija kienet għaddet il-flus mal-appellant għaliex dak is-supervisor tagħha. Hija iffirmat u imbagħad l-appellant kien induna li ta' qablu ma kinux iffirmaw u talabha biex jiffirmawhom flimkien. Hija ffirmat f'isem Amanda Ellul u f'isem xi ħadd ieħor. Tagħha kienet in-numru 3.

Fil-kontro-eżami hija qalet li kienet daħlet responsabbli għall-bags ta' ħadd ieħor. Qalet ukoll li hija kienet rat il-borża tagħha fis-safe.

Xehdet Amanda Ellul li qalet li kienet rat lill-appellant jitfa' s-safe bag tagħha. Kienu ffirmaw żewġ karti li joħorġu mill-computer iżda nsiet tiifirma l-ktieb.

Fil-konto-eżami x-xhud qalet hekk:

‘Aħna meta naraw li s-safe bag ikun niżel ġos-safe imbagħad immorru.’

Josephine Borg xehdet li hija sales assistant, li tat il-flus lill-appellant u ħarġet biex tippanċja. Hi ma kinitx rat lill-appellant jitfa’ l-‘envelope’ fis-safe. Kienet ifirmat il-karti tagħha barrra l-ktieb.

Xehed ukoll Samuel Vella tas-security service. Huma jkollhom ċavetta tas-safe u l-istess ikollhom tal-Lidl. Fis-safe ikun hemm il-pakketti. Huma jmorru tliet darbiet fil-ġimgħa. Kien hemm pakkett li ma nstabx.

l-Qorti nnotat ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti, fuq talba tad-difiża, kienet għamlet aċċess fuq il-post fejn kien spjegat kif jaħdem il-mekkaniżmu tas-safe minn ċertu Glenn Attard, għal-liema spjegazzjoni hemm referenza fin-Nota ta’ sottomissjonijiet li kienet għamlet id-difiża quddiem l-Ewwel Qorti.

Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

Li kieku kellha ssir sinteżi tal-argumenti tal-appellant il-punti ewlenin huma:

(a) Li m’hemmx provi biżżejjed li jwasslu għas-sejbien ta’ ħtija tal-imputat ġaladarba l-provi ċirkostanzjali mhumiex univoċi;

(b) Illi l-appellant qatt ma seta’ jinstab ħati ta’ serq.

Bħalma qalet fil-bidu l-Qorti ma taqbadx u tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti jekk din ma tkunx manifestament waħda li mhux ta’ min joqgħod fuqha legalment u raġjonevolment.

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha kif jidher mis-sommarju tal-provi hawn fuq u ma sabitx xi raġuni għala

s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija b'xi mod waħda ***safe and unsatisfactory.***

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti ma spostat ebda oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni għal fuq id-difiża.

Li għamlet l-Ewwel Qorti kien li rat x'qalu x-xhieda, inkluż l-appellant, rat kif taħdem is-sistema u kkonkludiet li m'hemmx triq oħra ħlief li tgħid li kien l-appellant li ħa l-money bag.

Id-difiża nsistiet li l-provi ċirksotanzjali għandhom ikun univoċi. F'dan il-każ il-Qorti tara x-xhieda u ċ-ċirkostanzi jappontaw lejn l-appellant biss u m'hemmx xi tertium quid kif donnha qed tipprova timplika d-difiża. Mhux biss iċ-ċirkostanzi huma univoci, talli l-Qorti kkonkludiet li l-appellant sab ruħu f'pożizzjoni bħal dik il-persuna li jkollha roqgħa art li hija mdawra minn kullimkien b'artijiet oħra ta' sidien oħra u ma jistax joħroġ minnha.

(a) Il-Qorti ma tistax ma tinnutax is-sinċerita' li bih xehdet Anne Zammit li waslet sa fejn kellha tasal. Meta fil-kontro-eżami ħasset li ma segħetx tiġġuramenta kollox, qalet hekk ċar u tond u bla ebda kompromessi mal-kuxjenza. Iżda din qalet li assolutament ma tahiex ċans tara x'qed iwaddab jew ma jwaddabx l-appellant fis-safe. Hija kienet qed tehda tiffirma meta l-appellant – bl-iskuża li kollox irid malajr għax kulħadd irid imur id-dar – mar ħdejn is-safe u ma setgħetx tgħid x'għamel u x'ma għamilx. B'mod partikolari wieħed jinnota dawn il-kliem:

*'Għax il-biċċa xogħol hi li suppost ituk ċans titfa', tarhom jitfgħu s-safe bag ġos-safe. Issa lili ma tanix ċans nara s-safe bag nieżla għax għaġġel. Sakemm qed niffirma laħaq mar tefgħu ġos-safe. Ma tanix ċans nara jekk niżilx jew le.'*

Ma' dan kollu wieħed irid iżid li m'hemm ebda dubju li din il-kaxxiera għaddiet il-borża lill-appellant.

(b) It t-tieni raġuni għala din il-Qorti tara li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi huwa l-mod kif xehed l-appellant stess. Is-sentenza 'Jien għalija tfajtha' tikxef kemm dak li qed jgħid l-appellant mhux ta' min joqgħod fuqu. Min ikun tefa' s-safe bag ma jgħidx 'Jien għalija' għax il-kelma 'għalija' lanqas biss tiġih fi lsienu jekk tassew għamel dmiru.

(ċ) It-tielet raġuni hija r-riżenja immedjata tal-appellant. Huwa qal li kien irriżenja minħabba li kien qed jibża'. Jekk hu ma kienx ħa l-flus ma kellux għaliex jibża' u kien jibqa' jżomm sod ukoll jekk ser jittieħdu passi kontrih bil-pulizija.

(d) Ir-raba' raġuni hija l-mod kif jaħdem is-safe. L-Ewwel Onorabbli Qorti tat id-dettalji kollha u, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi għall-paragrafu li jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati a fol 173 li jibda bil-kliem 'Illi f'dan ir-rigward...'. Meta wieħed iqis li l-kaxxiera setgħu iżommu sa ħamest elef Euro u f'din is-safe bag kien hemm anqas minn tlitt elef euro iċ-ċans li safe bag teħel hija u nieżla kien remotissimu. Huwa importanti wkoll li wieħed iqis li ġaladarba tinżel fis-safe, ma kienx hemm mod kif tieħu lura s-safe bag ħlief meta jiġu s-security. Li kieku l-appellant tassew tefa' s-safe bag fis-safe, kienet tinstab hemm meta ġew tas-security.

(e) L-appellant ma kien obbligat li jipprova xejn għaliex l-oneru tal-prova f'dan il-każ kien jaqa' fuq il-prosekuzzjoni. Biss konsegwentement għal dak li jingħad fil-paragrafu (d) – id-difiża li kien possibbli li weħlet xi borża u xi persuna ġibditha – tipprospetta żewġ events f'daqqa :

(i) li ls-safe - bag weħlet;
u
(ii) li xi ħadd ieħor li jaħdem jew huwa midħla tal-Lidl kien jaf li l-borża weħlet u mar jiġbidha.

L-ewwelnett jekk l-appellant jagħżel li jipprova xi ħaga, ma jkunx biżżejjed li jagħmel dan fuq il-livell tal-possibbli. Kollox huwa possibbli – li l-borża weħlet; li xi ħadd induna; xi ħadd ieħor ħadha, li waqgħet, xi ħadd sabha u twarbet x'imkien fejn ma dehritx aktar. Il-grad tal-prova tad-difiża

– jekk trid tagħmel tali prova – mhux dak tal-possibbli iżda huwa dak tal-probabbli fejn wieħed ikun ipprova li **x'aktarx ġara hekk milli hekk**. Dan id-difiża m'għamlitux. Lanqas ma jista' wieħed jqis bħala prova dak li ġie allegat li, li kieku ried, l-appellant seta' approfitta ruħu mod ieħor. Din hija biss spekulazzjoni li teħodna 'l bogħod mix-xenarju ta' kif seħħew l-affarijiet.

It-tieni biex iseħħu ż-żewġ events imsemmijin aktar 'il fuq fl-istess waqt, huwa **matematikament** remot ħafna li dan iseħħ u jekk jikkontemplhom flimkien tispiċċa b'denominator fenominali.

(f) L-aħħar raġuni għala l-provi qed jippuntaw univokament lejn l-appellant huwa l-mod kif esprima ruħu matul l-istqarrija tiegħu. Fl-istqarrija m'hemm ebda ammissjoni iżda huwa sinifkanti dan li ġej:

'T. Jiena l-borża ta' xi ħaġa 08 fl-aħħar tfajtha fis-safe ma l-oħrajn u ma ċċekkjajtx jekk niżlitx jew le. Jiena ddepożitajtha normali.
M. Il-borża li qed nirreferu għaliha liema waħda kienet?
T. L-aħħar waħda bin-numru mingħalija 4508108, imma m'inix ċert.
M. Meta ddepożitajt il-boroż ta' qabel kien hemm xi waħda li weħlitlke?
T. Ma naħsibx għax meta niftaħ il-bieba biex niddepożita l-borża li jkun imiss ma rajtx boroż. Veru iva ġieli tiġri li jeħlu l-boroż.'

U a fol 6:
M: Kemm ilek inkarigat mill-flus ġieli ġralek li weħillek xi envelope?
T: Iva, pero' dejjem indunajt għax dejjem kien ikun hemm x'nitfa' xi safe bag ieħor jew indunajt bil-ħoss għax nisimgħu jaqa'.'

Mela skont l-appellant stess, kull meta waħlet xi borża dejjem induna JEW għax kellu xi safe bag oħra x'jitfa' JEW mill-ħoss.

Mela fit-3 ta’ Frar 2010 kien hemm eċċezzjoni mhux tas-soltu għax la kien hemm safe bag oħra x’jitfa’ u lanqas sema’ l-ħoss. Jekk wieħed jaċċetta li dik kienet l-aħħar safe bag li l-appellant kellu jitfa’ kif almenu dak in-nhar biss **ma ndunax bil-ħoss jew bin-nuqqas ta’ ħoss? Mgħaġġel kemm kien mgħaġġel żgur kien jinduna b’sitwazzjoni delikata bħal din speċjalment meta ftit jiem qabel – fid-29 ta’ Jannar 2010 - l-appellant ingħata warning u ntalab jagħti ġustifikazzjoni għala fis-26 ta’ Jannar 2010 kien instab €240 under from the safe.**

**Fid-dawl ta’ dan kollu l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, qed tikkonkludi**

**(a) il-provi ċirkustanzjali huma kumulattivament univoċi; u**
**(b) li d-difiża li setgħet weħlet is-safe bag ma twassalx sal-grad ta’ probabilita’ iżda baqgħet biss fuq il-grad ta’ possibilita’ – grad li la jiswa għall-Prosekuzzjonu u lanqas għad-difiża; u**

**(ċ) li konsegwentement il-borża ttieħdet mill-appellant.**

**Konsegwentement qed tiċħad l-aggravju tal-appellant dwar li hu ma setax jinstab ħati ħa s-safe bag.**

**It-Tieni Punt: Serq jew Approprijazzjoni Indebita.**

Biex jitqies liema minn dawn l-appellant wettaq wieħed irid iħares lejn x’kienu d-dmirijiet tiegħu. Huwa stess jgħid li kienu jieħu ħsieb l-istores, jagħlaq il-flus, u jagħmel naqra minn kollox. Kien jieħu ħsieb il-ħanut meta ta’ fuqu kein ikun assenti. Is-supervisors l-oħra ddeskrivew id-dmirijiet tagħhom bħala li jmorru ‘l hemm milli jagħlqu l-flus biss.

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkwotat kemm min-Noti tal-Professur Mamo kif ukoll mill-opra tal-Antolisei u mill-każ ‘Il-Pulizija versus Godwin Zammit.’

Il-Qorti, waqt li tirreferi għall-paġina 174 tal-proċess u paġina 6 tas-sentneza ser tislet dan:

'In conseguenza risponde di furto e non di appropriazzione indebita ad esempio…..il commesso o l'operaio che sottrae un oggetto che ha a sua disposizione nella bottega o nell' uficina.'

Barra dan il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-każ li ppreżentat id-difiża a fol 204 'Rex versus Antonio Pisani' tat-2 ta' Diċembru, 1941. Fl-ewwel parti tas-sentenza hemm deskritt il-każ ta' persuna li kellha l-petrol ta' ħadd ieħor f'idea. Imbagħad a fol 207 jingħad dan li ġej:

**'There are, however, cases in which exceptionally the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft. These are:**

**(1) when the delivery of possession is general and not special, or limited to particular things – Thus, if a servant has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty fo theft if he were to take any of them; (2) when the delivery is made under such circumstances as to show that the owner did not intend parting with the possession: thus if one person shows a watch to another and hands it over to him to examine, and the other person runs away with the watch – (3) when although the owner has entrusted the thing to another to make delivery thereof elsewhere, a third party, however, is sent by the owner to watch over the person having the actual possession of the thing.' (fol 207 -208).**

Mill-mod kif iddeskriva l-ħidma tiegħu l-appellant, il-każ tal-lum jaqa' taħt l-ewwel ipotesi minn dawn t'hawn fuq. Filfatt il-Qorti qed tikkonkludi li, kontra dak li qed talludi d-difiża, m'hemm ebda differenza bejn jekk l-appellant jisraq flixkun imbid mill-ħanut jew inkella l-flus. L-aġir li għamel l-appellant ma jaqax taħt l-artikolu 293 jew 294 tal-Kap 9. L-artikolu 293 jirrikjedi li xi ħadd idawwar għal benefiċċju tiegħu innifsu jew ta' persuna oħra xi ħaġa li tkun fdata

jew mogħtija lilu bl-obbligazzjoni li jagħti lura din il-ħaġa jew li jagħmel minnha użu speċiifku. Hemm differenza bejn sitwazzjoni fejn, per eżempju, wieħed ta somma flus biex persuna oħra timportalu trakk minn barra u din il-persuna l-oħra flok timporta t-truck lill-persuna ta' qabel tuża l-flus biex imur btala bihom u dak li seħħ fil-każ li qed jiġi konsidrat. Fil-każ ta' llum l-appellant huwa impjegat tal-Lidl li jagħmel dak kollu li hemm bżonn u fost id-dmirijiet tiegħu għandu d-dover li jwaddab il-flus li jagħtuh il-kaxxiera fis-safe. Ħadd m'hu qed jgħaddilu xi flus biex iroddhom lura jew inkella biex jagħmel xi użu speċifiku minnhom. Li jdaħħal il-flus fis-safe hija parti mill-mansjoni tax-xogħol tiegħu.

Min-naħa l-oħra jeżistu l-elementi kollha tad-definizzjoni ta' serq li dejjem ħaddmu l-qorti tagħna. Hemm il-contrectatio li, skont każistika kostanti, huwa biżżejjed li wieħed iċaqlaq ħaġa minn post għall-ieħor ( bħal, per eżempju, jaqla' radio ta' karozza u jitilqu fl-art fl-istess karozza għax xi ħadd jaqbdu) – it-teħid tal-flus; kontra x-xewqa tas-sid (u din tidher mill-passi li ħa l-Lidl) biex mill-ħaġa jgawdi l-lukru – dan hu l-gwadann li għamel l-appellant'

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonkludi li kellha raġun l-Ewwel Qorti tiddeċiedi li dan kien każ ta' serq u konsegwentement qed tiċħad dan l-aggravju tal-appellant.

**Ir-Reċidiva**

Fl-appell tiegħu, l-appellent jgħid li la darba l-Qorti applikat il-peina manifestament tal-kontravenzonijiet, kienet qed tikkonsdra r-reat bħala kontravenzjoni u ma jaqax taħt l-artikolu 50.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Sakemm mhux mod ieħor espressament indikat (kif insibu fl-artikolu 95(2) tal-Kap 9) il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel reat f'kontravenzjoni. Jekk qed issib xi kontravenzjoni bħala involuta f'xi imputazzjoni, allura dan għandha tgħidu ċar u tond. Fis-sentenza indikata, l-imputazzjoni hija ta' serq sempliċi:

‘ikkommettejt serq ta’ portmoni għad-dannu ta’ Concetta Higgins.’

Mill-imputazzjoni ma jirriżulta ebda gravanti tas-serq iżda s-serq jibqa’ reat – b’piena ta’ bejn xahar u sitt xhur - u ma jidhirx fil-lista tal-kontravenzjonijiet fl-artikoli 338 jew 389.

Dak iż-żmien l-appellant kien taħt it-18-il sena u seta’ jgawdi bi tnaqqis ta’ grad jew tnejn skont l-artikolu 37 tal-Kap 9.

Skont l-artikolu 31(ċ) tal-Kap 9, allura l-appellant seta’ jeħel priġunerija ta’ mhux aktar minn għoxrin jum jew detenzjoni jew ammenda.

Il-konklużjoni hija li l-appellant ma kienx nstab ħati ta’ kontravenzjoni iżda ta’ reat.

Skont l-artikolu 50 tal-Kap 9 fejn persuna tkun instabet ħatja ta’ reat……….jekk iż-żmien ta’ tali piena huwa ta’ aktar minn ħames snin jew, fi żmien ħames snin, fil-**każijiet l-oħra kollha**, tikkommetti reat ieħor, huwa jista’ jkun mogħti piena ogħla bi grad minn dik stabbilita għar-reat l-ieħor. Il-frażi ‘l-każijiet l-oħra kollha’ tiġbor fiha wkoll l-ammonizzjoni għax din hija waħda mill-pieni imqar jekk tidher bħala piena għall-kontravenzjoni.

Biss dan kien każ ta’ serq u l-Avukat Ġenerali ta wkoll l-artikolu 289 li huwa reċidiva speċjali fil-każi ta’ serq. Hawnhekk m’hemmx termini u kulma jgħid il-leġislatur huwa ‘jekk wieħed jinstab ħati għat-tieni darba jew aktar’.

Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta dan l-aggravju.

Fl-aħħarnett, il-Qorti, waqt li kienet qed tqabbel il-figura mogħtija fiċ-ċitazzjoni- €2860- ma’ dik li tidher a fol 31, intebħet li l-figura suppost li tkun €2680. Dan il-punt sejra tipprovdi dwaru fil-konklużjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-atti kollha mill-ġdid u eżaminat bir-reqqa l-appell tar-rikorrent, qed tiriforma s-sentenza mogħtija fit-18 ta’ Lulju 2011 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija

vs Dustin Simms' kif ġej:  (a) qed tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni, fejn ma ħaditx konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tielet imptuazzjoni u fejn applikat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn; u (b) qed tbiddel u tħassar dik il-parti fejn tat lill-appellant sitt xhur biex iħallas lis-Soċjeta' Lidl Malta Limited is-somma ta' €2860 u minflok qed tagħti lill-appellant sitt xhur li jibdew jgħaddu min-nofs il-lejl ta' llum biex iħallas lis-Soċjeta' Lidl Malta Limited  is-somma ta' €2680.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------